NATIONAL EURO CHANGEOVER COMMITTEE

# Stqarrija għall-istampa
**10 ta' Ġunju 2006**

# Il-poplu jagħżel il-wiċċ Malti għall-munita ewro

Is-salib ta' Malta, l-arma ta' Malta u l-altar tat-tempju ta' l-Imnajdra ser ikunu it-tlett disinni għat-tmien uċuħ nazzjonali tal-muniti ewro. Aktar minn 43,000 vot ġew reġistrati f'din il-fażi finali ta' parteċipazzjoni ghall-għażla tal-wiċċ Malti ghall-munita ewro. Erba' disinni kienu ppreżentati lill-pubbliku sabiex minnhom jintgħażlu tlieta. Dawn kienu is-salib ta' Malta, l-arma ta' Malta, l-altar ta' l-Imajdra u l-monument bix-xbieha tal-magħmudija ta' Kristu.

Il-Bank Ċentrali ta' Malta u l-Kumitat Nazzjonali ghall-Bidla fl-Ewro qed jaghtu rendikont tal-proċess ta' votazzjoni pubblika li fetaħ fid-29 ta' Mejju u għalaq fid-9 ta' Ġunju.

B'kollox ġew reġistrati 43,250 vot bl-sms mqassma skond kif ġej :

| | SMS | Persentaġġ % |
|---|---|---|
| L-arma ta' Malta | 11,383 | 26.32% |
| Monument tax-xbieha tal-Maghmudija | 7,309 | 16.90% |
| L-altar tat-Tempju ta' l-Imnajdra | 8,900 | 20.58% |
| Is-salib ta' Malta | 15,658 | 36.20% |

F'din il-fażi ta' l-għażla tal-wiċċ tal-ewro ġew reġistrati aktar mid-doppju tal–voti li kienu magħmula fl-ewwel fażi, fejn b'kollox kienu daħlu 'l fuq minn 17,000 vot. Dan juri l-interess li ġġenera dan il-proċess ta' konsultazzjoni filwaqt li qed ikompli jikber l-interess fil-proċess ta' bidla tal-munita Maltija ghall-munita ewro.

Fil-ġranet li gejjin il-Bank Ċentrali ta' Malta flimkien mal-Kumitat Nazzjonali ghall-Bidla fl-Ewro ser ikollhom taħdidiet tekniċi sabiex jiġi deċiż liema wiċċ jirrendi ruħu l-ahjar fuq liema muniti. Disinn minnhom ser jitpoġġa fuq iċ-ċenteżmu, iż-żewġ ċenteżmi u l-ħames ċenteżmi. Disinn ieħor jitpoġġa fuq l-għaxar ċenteżmi, l-għoxrin ċenteżmu u l-ħamsin ċenteżmu filwaqt li t-tielet disinn jitpoġġa fuq l-ewro u iż-żewġ ewro.

Ic-Chairman tal-NECC, Is-Sur Joseph FX Zahra stqarr li dan il-proċess wassal sabiex il-pubbliku jiffamiljarizza ruħu aktar mal-muniti ewro u mal-mod li minnu l-munita ewro hija mqassma, igifieri li munita ewro hija maqsuma f'mitt ċentezmu u li ser ikollna sitt muniti b'denominazzjoni differenti ta' ċentezmi.

Il-Gvernatur tal-Bank Ċentrali, is-Sur Michael C Bonello qal li l-proċess li jmiss huwa li l-Bank Ċentrali ta' Malta jagħżel il-funderiji li fihom ser jiġu maħduma il-munita ewro. Dan il-proċess diġa nbeda billi nħarget sejħa internazzjonali għall-offerti u l-għazla tal-funderija issir fix-xhur li ġejjin. Barra min dan, il-Bank Ċentrali ta' Malta jkun irid jinforma lill-Bank Ċentrali Ewropew b'din il-għazla. Il-proċess tal-produzzjoni tal-muniti tal-ewro Maltin ma jistax jibda qabel ma' tittiehed id-deċizjoni jekk Malta tiġix aċċettata fiż-żona ewro bejn wieħed u ieħor f'Ġunju tal-2007.

L-NECC issa se jkun qed jiffoka fuq it-tixrid ta' iktar informazzjoni prattika ta' xi tfisser din il-munita u kif din se tiddaħħal f'pajjiżna. Matul din il-ġimgħa ġiet mnedija il-kampanja ta' informazzjoni tan-NECC bl-introduzzjoni tal-linja ewro 154 u l-preżentazzjoni ta' 5 Information officers. Din il-kampanja se tintensifika ruħha iktar kemm noqorbu lejn id-data li fiha huwa pjanat li naddottaw l-ewro, l-1 ta' Jannar 2008.